

Brussell, 30 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

10554/17

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0255 (APP)

EPPO 28
EUROJUST 99
CATS 72
FIN 400
COPEN 209
GAF 33
CSC 145

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.	9941/17
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew - Qbil fil-prinċipju - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fis-17 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew¹. L-abbozz ta' Regolament għandu l-għan li jistabbilixxi l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) li ser ikun responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja tal-awturi ta', u l-kompliċi għal, reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

¹ Dokument 12558/13.

2. Wara n-nuqqas ta' unanimità rreġistrata fil-Kunsill tas-7 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' Regolament², ir-riferiment ta' dak l-abbozz ta' Regolament lill-Kunsill Ewropew minn grupp ta' 17-il Stat Membru fl-14 ta' Frar 2017 u d-diskussjoni li wasslet għal nuqqas ta' qbil fil-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Marzu 2017, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni kienu nnotifikati fit-3 ta' April 2017 bix-xewqa ta' 16-il Stat Membru li jistabbilixxu kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-EPPO. F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 86(1) TFUE, l-awtorizzazzjoni biex jipproċedu bil-koperazzjoni msaħħa msemija fl-Artikolu 20(2) TUE u l-Artikolu 329(1) TFUE kienet meqjusa li ngħatat u d-dispożizzjonijiet dwar il-koperazzjoni msaħħa applikaw mit-3 ta' April 2017. Aktar tard, erba' Stati Membri addizzjonali infurmaw lit-tliet istituzzjonijiet li huma xtaqu jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa.
3. Fit-8 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Regolament li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew³, li t-test tiegħu ġie sussegwentement rivedut mill-ġuristi lingwisti⁴.
4. Il-Kunsill huwa mistieden sabiex:
- jaqbel fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Regolament kif jinsab fid-dokument 9941/17, u
 - jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Regolament kif jinsab fid-dokument 9941/17 lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni.

² Dokument 5766/17.

³ Dokument 9545/2/17 REV 2.

⁴ Dokument 9941/17.